MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 458/2008/1

**Jonathan Vella**

**vs**

**Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Paola**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-28 ta' Gunju 2010 t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz tal-attur li ddikjara li huwa s-sid tal-kiosk b'numru ta' registrazzjoni ittri IAA u bin-numri zero, tnejn, erbgha (IAA024).*

*Illi ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin, l-istess attur, fil-festa ta' Kristu Re, f'Rahal Gdid, dejjem rama l-imsemmi kiosk -*

*bin-numru tal-posta, li originarjament kien numru wiehed (1) sas-sena elfejn u sitta (2006), u sussegwentement sar numru erbatax (14) - fil-post li jinstab kantuniera ma' Triq Ninu Cremona u Pjazza Anton De Paule, fl-istess lokalita'.*

*Illi s-sena l-ohra, ossia fis-sena elfejn u sebgha (2007), il-konvenuti b'decizjoni skorretta, unilaterali u arbitrarja ikkoncedew posta lis-sid ta' kiosk numru tlettax (13) ezatt fejn il-posta tal-attur u dan b'telf konsiderevoli ta' qliegh ghal istess attur.*

*Illi s-sena precedenti, f'mument minnhom, inqalghu xi incidenti bejn l-attur u sid il-kiosk numru tlettax (13) minhabba l-mod kif tpogga l-kiosk numru tlettax (13), stante li l-kiosk tal-attur kien totalment mghotti mill-kiosk numru tlettax (13).*

*Illi t-telf ta' qliegh li soffra l-attur paragunat tas-sena elfejn u sitta (2006), jammonta ghal tmien mija u sitt liri Maltin (Lm806), u cioe' ekwivalenti ghal elf, tmien mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,877.47), u dan hekk kif jirrizulta mill-income statement tal-perjodu ta' bejn l-ghoxrin u tnejn u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (20/22-07-2006), hekk kif mahrug mill-Accountant Joe Sammut.*

*Ghaldaqstant, l-attur talab lil dan it-Tribunal fl-ewwel lok jiddikjara illi d-decizjoni tal-Kunsill Lokali hawn deskritt, kienet u hi wahda skorretta u arbitrarja u li bhala tali ppregudikat lill-attur fil-hajja u fl-adoperu lavorattiv tieghu.*

*Fit-tieni lok u b'konsegwenza tal-ewwel talba, talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li l-attur sofra telf ta' qliegh kawza tal-agir tal-Kunsill Lokali konvenut.*

*Fit-tielet lok, talab lil dan it-Tribunal, jillikwida d-danni fis-somma ta' elf, tmien mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,877.47), ekwivalenti ghal tmien mija u sitt liri Maltin (Lm806).*

*Fir-raba' u fl-ahhar lok, talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lil-Kunsill Lokali jhallas l-imsemmija somma hekk likwidata lill-attur.*

*Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Awwissu 2007, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti li ecceppew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li ma saret ebda rregolarita' fil-hrug tal-permess u l-attur ma soffriex id-danni pretizi minnu.*

*Bl-ispejjes.*

*Ra x-xhieda ta' Charles Vella, missier l-attur, li kkonferma li ibnu kien jarma bil-kiosk tal-gelati fiz-zmien il-festa ta' Kristu Re, f'Rahal Gdid. Kienet il-prassi li japplikaw ghal permess sabiex jarmaw bil-gabbana.*

*Generalment, ghall-ahhar hames (5) snin, l-attur dejjem kien inghata l-post numru 1 jew 2 fil-pjazza, izda fil-kaz tal-mertu tal-kawza, meta kien applika ghal permess kien inghatalu l-post numru 13 u 14, bil-konsegwenza li kien hemm trakk armat quddiemhom u ghalhekk l-attur ma setax jarma.*

*It-trakk kien ipparkjat aktar 'il quddiem, b'tali mod u manjiera li ma setghux jarmaw u dan wassal ghal hafna glied u hafna inkwiet li kellhom jigu nvoluti l-Pulizija.*

*Ikkonferma wkoll li l-post li kien gie allokat lilhom kien l-istess post li generalment jinghatalhom, u li qatt ma kien hemm problema jew kwistjonijiet ghal ahhar hames (5) snin.*

*Il-post li nghatalhom, numru 13, kien ezatt faccata tal-Knisja.*

*Is-soltu kien jarma fl-ewwel post fil-kantuniera fi Triq Ninu Cremona.*

*Ix-xhud jinsisti li t-trakk kien suppost allokat in-numru 14, u minflok arma minflok l-attur fin-numru 13.*

*Ra x-xhieda tal-attur, li jispjega li hu kien ilu mis-sena 2002 japplika ghal permess, u kien baqa' jaghmel hekk sas-sena 2007.*

*Ighid li malli inbiddel is-Sindku kien hemm persuna mil-lokal li kien habib tas-Sindku u dan ippretenda li jiehu l-post fejn is-soltu kien jarma l-attur.*

*Jikkonferma li kien hemm ittra mibghuta mill-GRTU direttament lis-Sindku, fejn irreferewh ghall-Avviz Legali 119/2002, fejn hemm stipulat illi kemm-il darba wiehed kien ilu jarma ghal zmien twil fl-istess post, hu ghandu d-dritt li jkompli jarma hemmhekk.*

*L-attur jikkonferma li kien arma fll-kantuniera, kif is-soltu kien jarma, u dan il-habib tas-Sindku kien arma fil-pjazza. Imbaghad inqalghet kwistjoni ma' tal-armar li lmentaw li minhabba fejn kien arma, ma setghux jarmaw kif suppost u kien ghattielhom statwa. Kien ghalhekk, li dan tat-trakk kien nizel aktar 'l isfel u per konsegwenza ghatta l-kiosk tal-attur.*

*Kien mar ikellem lil dan is-sid li kien ghamel ghalih b'sikkina u meta graw dawn il-kwistjonijiet, is-Sindku dejjem kien ikun prezenti.*

*Minhabba f'hekk l-attur iddecieda li ma jarmax, filwaqt li din il-persuna baqghet armata tul il-festa kollha.*

*Ra x-xhieda ta' Kevin Borg, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, Paola u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin.*

*Jikkonferma li kull min irid jarma ghall-festa, ikun mehtieg li japplika mal-Kunsill u dejjem jinghataw l-istess post, u min isoltu japplika jkollu r-right of first refusal. .*

*Jekk japplika xi hadd gdid, jiehu post differenti minn dawk li jkunu gew allokati.*

*Ftit qabel il-festa f'dan il-kaz, kien sar restructuring, fis-sens li inghataw l-istess postijiet, izda nbiddlu n-numri u kull min kien japplika kien inghatalu site plan.*

*Il-post li kien jigi allokat fis-sena 2006, lill-attur fi Triq Ninu Cremona, u li kien igib in-numru 14, issa fis-sena 2007, kien inbiddel ghal numru 1. L-istess post kien inghata lill-attur fis-sena 2005.*

*Il-permess li nhareg lill-attur fis-sena 2007 kienet ghal tlett (3) ijiem shah, u meta nhariglu l-permess qatt ma kien hemm lmenti da parti tal-attur.*

*Bejn is-snin 2005 u 2007, l-attur kien dejjem applika sabiex jarma bil-bejgh tal-gelati.*

*Fis-sena 2007 id-differenza kienet li kien gie allokat post iehor, u l-post li gie allokat lilu kien fil-pjazza, kantuniera ma' Triq Ninu Cremona u dan kien igib in-numru 13.*

*In-numru 13 u 14, li kien il-post allokat lill-attur, kienu suppost mpoggija right angle ma' xulxin, ghaliex l-attur kellu jarma fi Triq Ninu Cremona, filwaqt li l-konvenut kien armat fil-kantunier mal-pjazza u suppost dawn ma kienux jmissu ma' xulxin.*

*Ighid li bhala Kunsill kienu allokaw il-postijiet, u jekk f'xi mument l-istands kienu jmissu ma' xulxin , kellha tiehu parti mill-kawza, il-Pulizija.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*<u>Ikkunsidra</u>*

*L-ewwel talba tal-attur hija sabiex dan it-Tribunal jiddikjara l-agir tal-Kunsill Lokali bhala wiehed skorrett u arbitrarju.*

*L-attur kien ilu jarma fil-festa ta' Kristu Re ta' Rahal Gdid ghall-ahhar hames (5) snin u mill-provi li pproduca, kien dejjem japplika mal-Kunsill sabiex jarma bil-kiosk biex ibiegh gelati u drinks.*

*Kien dejjem inghata permess minghajr problemi, u dejjem rama fl-istess post, u cioe' kantuniera mill-pjazza fi Triq Ninu Cremona, f'Rahal Gdid.*

*In sostenn ta' dan, l-attur esebixxa l-applikazzjonijiet tieghu ghall-permessi li nghataw lilu bejn is-snin 2005 u 2007.*

*Jikkonferma huwa stess li dejjem zamm l-istess post, izda' l-ewwel u l-unika darba li kien hemm problemi kien fl-2007, meta l-Kunsill kien hareg permess lil terza persuna sabiex tarma kiosk.*

*Il-Kunsill jinsisti li hadd mill-applikanti precedenti ma sabu problema b'dan l-applikant gdid.*

*Minkejja li ma haregx daqshekk car fejn kellu jarma dan l-applikant gdid, jidher mix-xhieda ta' Kevin Borg, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, li dan gie allokkat il-post li kien jgib in-numru 13 u ghalhekk, precisament faccata tal-pjazza.*

*Ix-xhieda tal-attur u ta' Borg huwa prattikament identici, fis-sens, li din it-terza persuna kellha problema biex tarma minhabba li kien hemm l-armar tal-festa u qabbdet u nizlet il-kiosk taghha 'l quddiem, bil-konsegwenza li ghattiet il-kiosk tal-gelati tal-attur.*

*Il-verzjonijiet kontrastanti huma fis-sens li l-attur jinsisti li konsegwenza ta' dak li kien gara, kien spicca biex ma ramax, ghaliex, wara li pprova jirraguna ma' din il-persuna, din kienet hedditu u ghalhekk kien tilef xoghol ta' bejgh fuq tlett (3) ijiem.*

*Il-Kunsill Lokali, min-naha l-ohra, jinsisti li jekk din il-persuna ddecidiet li tarma band'ohra, u mhux skont dak indikat il-permess mahrug lilu, din kienet kompetenza tal-Pulizija u mhux tal-Kunsill.*

*Il-Kunsill Lokali hija dik l-entita' li tohrog il-permessi relattivi sabiex persuni jew kumpaniji jkunu jistghu jarmaw fil-festi bil-kiosks.*

*L-istess applikazzjoni tispecifika "dettalji ta' fejn ser jitwaqqaf il-post jew kiosk".*

*Jekk verament inqalghet xi kwistjoni li dina t-terza persuna, li fl-ebda stadju tal-provi ma tressqet bhala xhud, ma setghetx tarma minhabba l-armar tal-festa, kien fl-obbligu taghha li terga' tkellem lil Kunsill Lokali, sabiex tinghata post alternattiv jew jekk arma aktar 'l isfel, dan qatt ma seta' jaghmlu minghajr mal-ewwel akkwista l-awtorizazzjoni tal-Kunsill.*

*L-attur semma' ukolll li meta inqala' d-dizgwid bejniethom, is-Sindku kien hemm u bhala l-persuna li jirrapprezenta l-Kunsill, ried u kien fl-obbligu li joffri post alternattiv ghal dina l-persuna, u mhux ihallih jarma f'post li bih ippregudika d-drttijiet tal-attur.*

*Ghalhekk, it-Tribunal ihoss li l-Kunsill kien skorrett u agixxa b'rnod aritrarju.*

*Dwar il-kwistjoni ta' danni, minhabba t-telf ta' qliegh, il-Kunsill jinsisti li ma ngabux provi dwar dan, izda l-attur ipprezenta prospett bl-ispejjes, l-introjtu u qliegh li generalment ikollu meta jarma bil-kiosk fil-festi, izda minkejja li l-Kunsill jinsisti li dan kien ezagerat, ma ressaqx l-istess Accountant Sammut li pprezenta dan il-prospett u lanqas ma kkontradixxew dan il-prospett u l-ammonti hemm pretizi.*

*Li huwa fatt cert, hu li minhabba li l-kiosk ta' din il-persuna li giet originarjament allokkata l-post numru 13, ressaq il-kiosk tiegnu, b'tali mod u manjiera li l-kiosk li arma l-attur gie moghti, tant li bil-konsegwenza ta' theddid ma fetahx ghall-bejgh u dan per se huwa dannu ghall-attur li kellu tlett (3) ijiem ta' xoghol li sfaw fix-xejn.*

*Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, filwaqt li jiddikjara l-agir tal-Kunsill skorrett u arbitarju, jilqa' t-talbiet attrici u jordna*

*lill-Kunsill konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni sofferti minnu minhabba l-istess agir tal-Kunsill u jillikwida l-istess danni fis-somma ta' elf, tmien mija u sebgha u sebghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,877.47), ekwivalenti ghal tmien mija u sitt liri Maltin (Lm806).*

*Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Paola datat 14 ta' Lulju 2010 fejn talab lill-Qorti tikkonstata l-atti kollha prezentati quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u wkoll kull att jew prova ohra li tista' tingieb quddiem din l-Onorabbli Qorti skont il-ligi, thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-28 ta' Gunju 20110 fl-ismijiet Jonathan Vella vs Sindku u Segretarju Kunsill Lokali Paola u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat appellant, tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati.

Rat l-inkartament ta' din il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza fid-19 ta' Lulju 2011.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Frar 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Jonathan Vella (ID 216882 M) datata 3 ta' Settembru 2010 a fol. 7 tal-process fejn l-appellat jissottometti illi l-ezercizzju maghmul mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fid-decizjoni tieghu (dwar kull aspett supra trattat) kien wiehed korrett u gust. Ghaldaqstant, jikkonsegwi illi d-decizjoni fl-ismijiet sovra premessi tat-28 ta' Gunju 2010 illi minnha gie ntavolat l-odjern appell, timmerita li tigi konfermata *in toto*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Frar 2011 quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Luciano Busuttil ghall-Kunsill appellant u Dr. Geoffrey Vella ghal Jonathan Vella li ta ruhu b' notifikat bl-avviz tas-smigh tal-appell. Id-difensuri trattaw

il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-appellanti konvenuti fil-kawza qed isostnu li:- (a) t-Tribunal mar oltre l-kompetenza tieghu ghaliex ma setghax jisma’ kawzi dikjaratorji imma kawzi fejn hemm involuti biss hlasijiet ta’ flus sal-limitu ta’ kompetenza tieghu; (b) Mill-provi, jirrizulta li l-Kunsill dejjem osserva l-obbligi tieghu tant li huwa ta l-istess posta lill-appellat skond kif tenut li jaghmel a bazi tal-Avviz Legali 119/2002, u kull ma ghamel l-istess Kunsill kien li ta posta f’post iehor lil terz, u kien it-terz li ma zammx l-istess posta u resaq lejn l-appellat, u allura jekk kien hemm pretensjoni ta’ danni dawn kellhom jigi diretti lejn din it-terza persuna u mhux lejn il-Kunsill; (4) Jirrizulta wkoll li kien l-attur li ma ramax u minkejja dan il-posta tieghu ma giet allokata lil haddiehor; (5) Ma hemm l-ebda prova kif gew subiti d-danni u wkoll lanqas li b’xi mod li l-Kunsill approva dak li ghamlet it-terza persuna li kellha tokkupa l-posta numru 13, izda minflok abbuzat u giet hdejn l-appellat; (6) ma ngabitx l-ahjar prova dwar danni u dan kif indikat fit-tielet u r-raba’ paragrafu tar-rikors tal-appell tieghu, tant li lanqas biss gie prodott bhala xhud l-accountant Joseph Sammut sabiex jikkonferma l-prospett redatt minnu.

Illi l-appellat irrisponda li l-appell interpost huwa bla bazi ghaliex (1) l-appell huwa sostanzjalment mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti, u dan ma huwiex kaz fejn din il-Qorti ghandha tiddisturba tali apprezzament ghaliex ma hemmx ragunijiet manifestament plawsibbli u gravi ghaliex dan ghandhu jsir; (2) dwar il-kompetenza tat-Tribunal dan il-punt qatt ma tqajjem quddiem it-Tribunal ghall Talbiet Zghar (Tribunal) u ghalhekk ma jistax jitqajjem f’dan l-istadju; (3)

Dwar danni u l-prova li tista’ tingieb dwarhom dan sar skond il-principji ta’ ekwita’ li jikkonsentu lill-gudikatur li jiddevja mir-rigur tas-summum jus u allura huwa zvinkolat mill-osservanza rigoruza ta’ certi normi (**“Rita Bihiga vs Adrian Busuttil”** – A.I.C. (PS) – 1 ta’ Novembru 2006; **“Paul Portelli vs Pawla Buttigieg”** – A.I.C. (PS) – 5 ta’ Lulju 2006) u dan skond dak li hemm provdut fl-**artikoli 7 (1), 9 (2) (b) u 3 tal-Kap. 380** li jissorvolaw dak provdut fl-**artikolu 559 tal-Kap. 12;** (4) Dwar il-mertu inghad li la darba l-Kunsill hareg posta lil terz vicin dik tal-appellat, meta l-Kunsill kien jaf li tali posta kienet utillizata fejn isir armar tal-festa, bil-konsegwenza li din il-persuna nizlet iktar l-isfel u ghattiet lill-attur, u allura l-istess Kunsill kien negligenti meta hareg il-permess lil din il-persuna li tuza l-posta 13, liema posta kienet inaccettabbli u ghalhek ghandu jirrispondi ghad-danni l-istess Kunsill.

Illi (1) dwar l-aggravju ta’ nuqqas ta’ kompetenza tat-Tribunal, apparti lid an tqajjem biss f’dan l-istadju, dan huwa ghall kollox infondat ghaliex jirrizulta li l-avviz tat-talba sar fil-limiti ta’ dak rikjest skond l-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 380** – u jikkoncerna talba ta’ ammont ta’ flus ta’ mhux izjed minn 3,494.06 Euro.

Illi (2) fit-tieni lok dwar dwar il-mertu jinghad li l-appellant qed jikkontesta kemm l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal fuq kollox fuq il-presuppost li l-Kunsill Lokali appellant ma jistax jinzamm responsabbli ghall-agir tieghu meta huwa mexa skond il-ligi meta alloka l-posti, u jekk kien hemm xi dannu soffert mill-appellat, dan sehh minhabba l-agir ta’ terza persuna li ma zammitx mal-posti moghtija lilha mill-Kunsill u arbitrarjament marret f’post iehor, li allegatament fixkel lill-attur fil-gestjoni tal-kiosk tieghu, bir-rizultat li kien hemm disgwid bejn l-istess u spicca li l-attur iddecieda li ma jarmax.

Illi huwa minnu li normalment il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni u l-apprezzament tal-provi li sar mill-gudikatur hlief f’kazi fejn ikun hemm raguni gravi u serji ghaliex dan ghandu jsehh, ovvjament ghaliex ikun hemm difett manifest fil-konsiderazzjonijiet tal-istess, u l-Qorti thoss li dan huwa proprju kaz fejn l-istess Tribunal

naqas li jiehu in konsiderazzjoni l-bazi tat-talba attrici fil-konsiderazzjonijiet tieghu, u wkoll naqas li josserva ukoll ir-regola bazilari f'azzjoni ta' danni u cjoe' dik li jrid ikun hemm u jigi pruvat li hemm ness ta' kazwalita' bejn id-danni subiti u l-agir imputat lill-intimat.

Illi jirrizulta li l-ilment tal-appellat f'avviz tieghu kien li l-Kunsill mexa b'mod arbitrarju billi alloka posta gdida lil terz vicin dik tal-attur, u allura b'konsegwenza tal-istess huwa sofra danni. It-Tribunal jidher li ddecieda li l-Kunsill huwa responsabbli ghaliex la darba qed jinghad li din it-terza persuna, li qatt ma ingabet tixhed, ma setghetx tarma fil-post lilha allokat, il-Kunsill messu offrilha post alternattiv u *"mhux ihallih jarma f'post li bih jippregudika d-drittijiet ta' l-attur. Ghalhekk, it-Tribunal ihoss li l-Kunsill kien skorrett u agixxa b'mod arbitrarju".*

Illi dan huwa manifestament zbaljat ghaliex mill-Avviz tat-Talba jidher li l-agir tal-Kunsill allegatament skorrett kien skond l-appellat jikkonsisti li l-istess *"konvenuti b'decizjoni skorretta, unilaterali, u arbitrarja kkoncedew posta lis-Sid tal-Kiosk numru tlettax (13), ezatt bejn il-posta ta' l-attur u dan b'telf konsiderevoli ta' qligh tal-istess attur".*

Illi izda fid-decizjoni moghtija, dan, il-Gudikatur ma ikkunsidrahx, u fil-fatt din il-Qorti thoss li l-fatt li l-Kunsill hareg posta gdida favur terz u din kienet vicin dik tal-attur, dan ma kien bl-ebda mod imur kontra l-ligi, u dak li kkawza l-allegati jew vantati danni lill-attur, ma kienx l-agir tal-Kunsill, izda l-agir tat-terza persuna, li arbitrarjament ma uzatx il-posta allokata lilha mill-Kunsill u minflok armat f'post vicin l-attur, fejn hija ma kellhiex permess, lanqas mill-Kunsill li tarma, u ghalhekk ma hemmx in-ness ta' kazwalita' bejn l-agir tal-Kunsill u d-danni allegatament subiti mill-attur.

Illi f'dan il-kuntest l-asserzjoni tal-Gudikatur hawn citata sabiex wasal sabiex izomm lill-Kunsill responsabbli ghad-danni, hija ghal kollox bla bazi legali u wkoll gratwita, u dan peress li l-Kunsill Lokali ma kellu l-ebda obbligu li joffri post alternattiv lil din it-terza persuna, iktar u iktar, meta mill-provi ma jirrizultax li tali terza persuna qatt talbet ghal

xi post alternattiv, u fil-fatt l-istess terza persuna, li attwalment huwa l-agir taghha li qed jigi kontestat, lanqas biss tressqet biex tixhed; f'dan il-kuntest jinghad li anke ghal dak li huwa grad ta' provi l-attur lanqas gab l-ahjar prova dwar l-allegazzjoni li l-posta moghtija lilha ma setghatx tintrama', u fil-fatt din hija allegazzjoni li saret mill-attur, li lanqas hija sorretta mill-provi.

Illi izda fuq kollox jidher li dak li attwalment seta` kkawza d-danni lill-attur ma kienx l-agir tal-Kunsill appellant li hareg posta gdida lil terz, izda li dan it-terz ma uzax l-istess posta, u dan arbitrarjament, u certament minghajr il-kunsens tal-Kunsill u mar rama' fejn l-attur. Jinghad ukoll li dan huwa wkoll differenti minn dak li vanta l-attur fil-konfront tal-Kunsill fl-ittra datata 6 ta' Lulju 2007 (fol. 26) miktuba mis-Sur Vincent Farrugia ghan-nom tieghu fejn akkuza lill-Kunsill li ma kienx ta lill-attur il-posta li s-soltu jarma fiha u dan bi ksur tal-artikolu 8 (i) ta' l-Avviz Legali Numru 119, asserzjoni li ma hija kompletament zbaljata, ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur dejjem zamm l-istess posta. B'hekk din il-Qorti thoss li bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-appellati agixxew b'mod arbitrarju u kontra l-ligi, u allegati danni allegatament sofferti mill-attur, ma gewx ikkawzati minn xi agir tal-istess Kunsill, izda semmai in agir ta' terz, liema agir ma kienx responsabbli ghalih l-istess Kunsill, u certament l-istess Kunsill huwa estraneu ghal dan kollu u ghalhekk in vista ta' dan, din il-Qorti thoss li ghandha u qed tilqa' l-appell tal-appellanti, b'dan li qed tirrekova d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, u minflok tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad ir-risposta tal-appellat datata 3 ta' Settembru 2010 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti s-Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Paola fir-rikors tal-appell taghhom datat 14 ta' Lulju 2010** biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma'

dak hawn deciz, b'dan li thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi **"Jonathan Vella vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Paola"** datata 28 ta' Gunju 2010 (Talba Numru 458/08 GMA) b'dan li minflok tiddeciedi billi, fil-waqt li tilqa` r-risposta tal-intimati appellanti datata 7 ta' Ottubru 2008, tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fl-Avviz tat-Talba tieghu datat 19 ta' Gunju 2008 ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------